# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-11 ta' Marzu 2019

## Talba Numru 379/2018SFJ

## GO p.l.c. (C22334)

**vs.**

## Il Santo Catering Limited (C64018)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-20 ta' Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' ħames mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitt ċenteżmi (€529.06) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni mogħtija mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta fuq l-akkont li jġib in-numru AC40435165, bl-ispejjeż u d-drittijiet kif ukoll bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata ta' dan l-Avviż sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra li ġie spjegat fl-Avviż tat-Talba li għalkemm is-soċjetà konvenuta kienet interpellata diversi drabi sabiex tgħaddi għall-ħlas, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra s-soċjetà attriċi.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li hija:

i. Dokument "A" li jikkonsisti fi prospett, *statement* u li jindika l-bilanċ dovut;
ii. Dokument "B" li huwa l-kuntratt tas-servizz;

iii. Dokument "Ċ" li huwa estratt mir-Reġistru tal-Kumpaniji li jindika l-indirizz irreġistrat tas-soċjetà konvenuta; u
iv. Dokument "D" li huwa affidavit ta' Marisa Galea Debono (248772M) fejn hi iddikjarat taħt ġurament is-somma dovuta lis-soċjetà attriċi.

Ra li minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament innotifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ, hija la dehret u lanqas ippreżentat risposta.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2019, Paul Gatt (582590M), prodott mis-soċjetà attriċi, ikkonferma li s-somma għadha dovuta.

Ra, għalhekk, li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitt ċenteżmi (€529.06) bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħaxijiet li għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**